

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0234/2006

29.6.2006

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa
(COM(2005)0447 – C6-0356/2005 – 2005/0183(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Holger Kraemer

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komunimaġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komunimaġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***qawwiya korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (per eżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	3
PROĊEDURA	3

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa
(COM(2005)0447 – C6-0356/2005 – 2005/0183(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0447)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0356/2005),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0234/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha ma' test ieħor;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test proposit mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 2

(2) Sabiex titħares is-saħħa tal-bnedmin u l-ambjent sħiħ, l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li jagħmlu l-ħsara għandhom ikunu evitati, issir prevenzjoni tagħhom jew jitnaqqsu ***u jkunu stipulati standards xierqa fir-rigward ta' l-arja ta' l-ambjent, billi jingħata kas ta' l-istandards rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-linji ta' gwida*** u l-programmi.

(2) Sabiex titħares is-saħħa tal-bnedmin u l-ambjent sħiħ, ***b'mod partikulari hu importanti li tiġi miġġielda l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fis-sors tagħha. Għalhekk, l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u li jagħmlu l-ħsara għandhom ikunu evitati, issir prevenzjoni tagħhom jew jitnaqqsu. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tistipula immedjatament regoli għal emissjoni xierqa, u jingħata kas ta' l-istandards tal-kwalità ta' l-arja rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-linji***

¹ Għada mhix ippubblikata fil-ĠU.

gwida u l-programmi.

Ġustifikazzjoni

L-approċċ bażiku meħud mill-proposta għal direttiva hu bbażat fuq avvenimenti u kontroll ta' tniġġis. Sabiex jiġi żgurat titjib sostenibbli tal-kwalità ta' l-arja fl-Unjoni Ewropea, il-fokus primarju u immedjat irid ikun dwar ir-regolamentazzjoni xierqa ta' sorsi li jniġġsu.

Emenda 2 Premessa 5 a (ġdida)

(5a) Fejn ikun possibbli, għandu jiġi applikat immudellar tad-diffużjoni tat-tniġġis biex dejta minn punt tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika ta' konċentrazzjoni. Dan jista' jservi bħala bażi biex jitkejjel l-esponiment kollettiv għall-popolazzjoni li tgħix fl-inħawi.

Ġustifikazzjoni

Id-distribuzzjoni ġeografika ta' dejta kkonċentrata hi l-kontribuzzjoni għal kalkolu realistiku ta' esponiment kollettiv kif ukoll għall-effetti mistennija fuq is-saħħa.

Emenda 3 Premessa 7

(7) Għandu jsir kejl **dettaljat** tal-partiċelli f'postijiet fl-isfond sabiex wieħed jifhem aħjar l-impatti ta' din is-sustanza li tniġġes u tiġi żviluppata politika **xierqa**. **Dan** il-kejl għandu jkun magħmul b'mod konsistenti ma' dak fil-programm kooperattiv għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni tat-trażmissjoni fuq medda twila ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (EMEP) imwaqqfa permezz tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinanti ta' l-Arja fuq Distanzi Kbar, approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill

(7) Għandhom isiru kejl **u kalkoli dettaljati** tal-partiċelli f'postijiet fl-isfond sabiex wieħed jifhem aħjar l-impatti ta' din is-sustanza li tniġġes **u jiġi definit it-tniġġis fl-isfond** u **sabiex tkun tista'** tiġi żviluppata politika xierqa. **Politiki xierqa, b'mod partikulari, iridu jimmiraw li jikkonsidraw b'mod realistiku l-proporzjon li jiddaħħal biex jillimita l-valuri ta' popolazzjoni totali, li hu tniġġis fl-isfond. Il-kejl għandu jsir b'mod effiċjenti. Għalhekk, informazzjoni li tinġabar minn punti mnejn jittieħdu l-kampjuni għal kejl fiss għandha, sa fejn**

81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981.

ikun possibbli, tkun ikkumplimentata b'informazzjoni miġbura permezz ta' tekniki ta' mmodellar u ta' kejl indikattivi. Dan il-kejl għandu jkun magħmul b'mod konsistenti ma' dak fil-programm kooperattiv għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni tat-trażmissjoni fuq medda twila ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (EMEP) imwaqqfa permezz tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinanti ta' l-Arja fuq Distanzi Kbar, approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981.

Ġustifikazzjoni

Hemm inċertezza kbira fl-awtoritajiet lokali dwar l-iskala u l-impatt tat-tniġġi fl-isfond. L-awtorità leġislattiva Ewropea għandha għalhekk tfassal defenizzjoni. Flimkien mal-kejl fiss, għal għbir effiċjenti ta' dejta, għandhom jintużaw ukoll tekniki ta' mmodellar u kejl indikattivi.

Emenda 4 Premessa 8

(8) L-istatus tal-kwalità ta' l-arja għandu jinżamm ***jew jittejjeb*** fejn diġà huwa tajjeb. Fejn l-istandards tal-kwalità ta' l-arja jinqabżu, l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex ikun hemm l-osservanza tal-valuri speċifikati ***imma*** l-qabżiet attribwibbli għat-tixrid tar-ramel fit-toroq matul ix-xitwa għandhom ikunu injorati.

(8) L-istatus tal-kwalità ta' l-arja għandu jinżamm jew jittejjeb fejn diġà huwa tajjeb, ***b'tali mod li l-istandards tal-kwalità ta' l-arja ma jinqabżux. Fil-kuntest ta' l-iżvilupp sostenibbli ta' l-inħawi kkonċernati, il-kwalità ta' l-arja għandha tittejjeb.*** Fejn l-istandards tal-kwalità ta' l-arja jinqabżu, l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex ikun hemm l-osservanza tal-valuri speċifikati, ***il-piż fuq l-Istati Membri b'livelli għolja ta' qabżiet ta' l-istandards qed ikun partikularment kbir għax, bħala regola, il-kwalità ta' l-arja tista' tittejjeb bl-aktar mod effettiv għan-nefqa.*** Qabżiet attribwibbli għat-tixrid tar-ramel fit-toroq matul ix-xitwa għandhom ikunu injorati.

Ġustifikazzjoni

Hemm potenzjal akbar biex jitnaqqsu s-sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Istati Membri li għandhom livell għoli ta' kontaminazzjoni milli f'dawk l-Istati Membri fejn il-kwalità ta' l-arja diġà tinsab tajba.

Fejn il-kwalità ta' l-arja hi diġà tajba u fejn il-valuri ta' limitu huma rispettati, aktar titjib fil-kwalità ta' l-arja għandu jkun kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli ta' l-inħawi kkonċernati.

Emenda 5
Premessa 10

(10) Partiċelli fini (PM_{2.5}) *huwa* responsabbli għall-impatti sinifikanti negattivi fuq is-saħħa tal-bnedmin. Barra minn hekk, sa issa *għad hemmx limitu identifikabbli* li taħtu l- PM_{2.5} ma jkunx ta' riskju. Għaldaqstant, din is-sustanza li tniġġes m'għandhiex tkun irregolata bl-istess mod bħal sustanzi oħra li jniġġsu l-arja. Il-metodu għandu jimmira għal tnaqqis ġenerali tal-konċentrazzjonijiet fl-isfond urban biex ikun żgurat li setturi kbar tal-popolazzjoni jibbenefikaw minn kwalità ta' l-arja mtejba. Madankollu, biex ikun żgurat livell minimu ta' ħarsien tas-saħħa kullimkien, ***dak il-metodu għandu jingħaqad ma' limitu assolut tal-konċentrazzjoni.***

(10) Partiċelli fini (PM_{2.5}) *huma* responsabbli għall-impatti sinifikanti negattivi fuq is-saħħa tal-bnedmin. Barra minn hekk, sa issa *għad m'hemmx limitu minimu identifikabbli* li taħtu l- PM_{2.5} ma jkunx ta' riskju. ***Peress li d-dejta disponibbli dwar il-PM_{2.5} għadha mhix suffiċjenti sabiex jiġi introdott valur ta' limitu, l-ewwel għandu jiġi stipulat valur fil-mira.*** Għaldaqstant, din is-sustanza li tniġġes m'għandhiex tkun irregolata bl-istess mod bħal sustanzi oħra li jniġġsu l-arja. Il-metodu għandu jimmira għal tnaqqis ġenerali tal-konċentrazzjonijiet fl-isfond urban biex ikun żgurat li setturi kbar tal-popolazzjoni jibbenefikaw minn kwalità ta' l-arja mtejba. ***B'mod partikulari f'inħawi b'livell għoli ta' tniġġis b'partiċelli fini, għandu jsir użu tajjeb mill-iskop disponibbli għat-tnaqqis.*** Madankollu, biex ikun żgurat livell minimu ta' ħarsien tas-saħħa kullimkien, ***għandu jiġi stipulat valur fil-mira.***

Ġustifikazzjoni

Marbuta mal-mira ta' 20% ta' tnaqqis differenzjat u l-istipulazzjoni ta' valur fil-mira minflok valur ta' limitu (limitu ta' konċentrazzjoni) għall-PM_{2.5}.

Emenda 6
Premessa 13

(13) Kejl fiss ta' l-ożonu għandu jkun obligatorju f'żoni fejn l-għanijiet fuq il-medda twila ta' żmien jinqabżu. L-użu ta'

(13) ***Kejl ta' sustanzi li jniġġsu ta' l-arja jrid jitwettaq b'mod effiċjenti u b'mod immirat. Għalhekk, kejl fiss għandu jkun***

mezzi ta' evalwazzjoni supplimentari **għandhom ikunu permessi** għall-iskop tat-tnaqqis ta' l-għadd fiss ta' punti mnejn jittieħdu l-kampjuni.

kumplimentat kemm jista' jkun possibbli, permezz ta' tekniki ta' mmudellar u ta' kejl indikattivi. Kejl fiss ta' l-ożonu għandu jkun obbligatorju f'żoni fejn l-għanijiet fuq il-medda twila ta' żmien jinqabżu. L-użu ta' mezzi ta' evalwazzjoni supplimentari **jrid ikun permess** għall-iskop tat-tnaqqis ta' l-għadd fiss ta' punti mnejn jittieħdu l-kampjuni.

Ġustifikazzjoni

Għal għbir effiċjenti ta' dejta, għandhom jintużaw ukoll tekniki ta' mmodellar u kejl indikattivi flimkien mal-kejl fiss.

Emenda 7 Premessa 15

(15) **M'għandhomx jinbidlu l-valuri ta' limitu eżistenti tal-kwalità ta' l-arja, għalkemm għandu tkun estiża l-iskadenza għall-osservanza fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi akuti ta' osservanza f'żoni u agglomerazzjonijiet speċifiċi.** Kull posponiment tal-ħin għal żona jew agglomerazzjoni partikolari għandha tkun akkumpanjata minn pjan komprensiv biex tkun żgurata l-osservanza sa l-iskadenza riveduta.

(15) **Għal inħawi fejn il-kondizzjonijiet huma partikolarment diffiċli, għandha tkun estiża l-iskadenza għall-osservanza mal-valuri ta' limitu u mal-valuri fil-mira tal-kwalità ta' l-arja** fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi akuti ta' osservanza f'żoni u agglomerazzjonijiet speċifiċi. Kull posponiment tal-ħin għal żona jew agglomerazzjoni partikolari għandha tkun akkumpanjata minn pjan komprensiv biex tkun żgurata l-osservanza sa l-iskadenza riveduta. **Il-flessibilità għall-Istati Membri hi aktar importanti jekk il-miżuri Komunitarji neċessarji li jirrifletti l-livell ta' ambizzjoni magħżul fl-Istrateġija Tematika għall-Arja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-sors tagħhom, inkluż għal ta' l-anqas dawk l-miżuri msemmija fl-Anness XVIIa, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, peress li wħud mill-Istati Membri mhux se jkun jistgħu jlaħħqu mal-valuri ta' limitu mingħajr dawn il-miżuri, minkejja sforzi kbar fuq livell nazzjonali.**

Emenda
Premessa 16 a (ġdida)

(16a) Saret Evalwazzjoni ta' l-Impatt fil-fond ta' din id-Direttiva billi kkunsidrat kemm ir-Regolamentazzjoni Aħjar kif ukoll l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli. Però, peress li t-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ hu mistenni li jkun akbar milli previst fl-Evalwazzjoni ta' l-Impatt, l-infiq jista' jkun li qed jiġi stmat iżżejjed u l-benefiċċji mhux stmati biżżejjed, peress li tnaqqis ta' emissjonijiet li jtkompla wara l-2012 ser jikkontribbwixxi għal titjib fil-kwalità ta' l-arja, fost affarijiet oħra.

Emenda 9
Premessa 16 b (ġdida)

(16b) Sa fejn ikun l-aktar possibbli, il-miri ta' din id-Direttiva jridu jkunu kompatibbli ma' l-iżvilupp sostenibbli ta' l-inħawi kkonċernati.

Emenda 10
Premessa 17 a (ġdida)

(17a) Fir-rigward ta' installazzjonijiet industrijali, din id-Direttiva ma tinvolvi miżuri li jmorru lil hinn mill-applikazzjoni ta' aħjar tekniki disponibbli (BAT – Best Available Techniques) kif mitlub mid-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 li tikkonċerna prevenzjoni u kontroll ta' tniġġis integrat¹, u b'mod partikolari ma twassalx għal għeluq ta' installazzjonijiet. Mandankollu ma tirrikjedix li kull Stat Membru jieħu l-miżuri kollha ta' tnaqqis effettivi għanefqa, fis-setturi rilevanti.

¹ ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33,

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 96/61/KE tapplika għal approċċ integrat fejn il-fatturi kollha rilevanti huma kkunsidrati meta jinħarġu l-permessi u l-aħjar tekniki disponibbli jiġu konstantament riveduti. Id-Direttiva 2004/107/KE diġà tinkludi klawsola simili għal dik proposta f'din l-emenda.

Emenda 11 Premessa 19 a (ġdida)

(19a) Minħabba karattru transkonfinanti ta' sustanzi speċifiċi li jniġġsu u bil-possibiltà konsegwenti li l-valur ta' limitu jista' jinqabeż f'xi Stat Membru minħabba l-kawża li l-Istat Membru ma jkollux influenza diretta fuqha, irid ikun possibbli għall-Kummissjoni li tagħti aktar ħin lill-Istati Membri biex jiġu konformi ma' l-istandards stipulati f'din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

Huwa magħruf sew li l-problemi tal-kwalità ta' l-arja huma ta' karattru transkonfinanti. Għalhekk mhux dejjem ikun possibbli għal Stat Membru li jindirizza s-sorsi kollha ta' tniġġis peress li ċertu sorsi jinsabu barra t-territorju tiegħu jew barra dak ta' l-UE. Jekk f'din is-sitwazzjoni jkun impossibbli li l-Istati Membri jiġu konformi ma' l-istandards stipulati f'din id-Direttiva, il-Kummissjoni jrid ikollha l-għażla li tagħti aktar ħin lill-Istati Membri kkonċernati.

Emenda 12 Premessa 20

(20) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, ibiddlu u jxerrdu t-tagħrif fuq il-kwalità ta' l-arja biex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis ta' l-arja u jiżviluppaw politika xierqa. Għandu jkun faċilment disponibbli għall-pubbliku tagħrif aġġornat dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu rregolati kollha fl-arja ta' l-ambjent.

(20) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, ibiddlu u jxerrdu t-tagħrif fuq il-kwalità ta' l-arja biex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis ta' l-arja u jiżviluppaw politika xierqa. Għandu jkun faċilment disponibbli għall-pubbliku tagħrif aġġornat dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu rregolati kollha fl-arja ta' l-ambjent. ***Irid jiġi żgurat li l-pubbliku jiġi infurmat kull jum dwar valuri kurrenti***

mkejla kuljum.

Ġustifikazzjoni

Indipendentement mill-valuri ta' limitu, il-pubbliku għandu jkun infurmat bil-valuri mkejjla kuljum.

Emenda 13
Artikolu 2, punt (6)

**(6) “limitu tal-konċentrazzjoni” tfisser *imħassar*
livell iffissat fuq il-bażi ta' l-għarfien
xjentifiku, bil-għan li jkunu pprevenuti
riskji eċċessivament għoljin għas-saħħa
tal-bnedmin, biex jintlaħaq f'perjodu
partikolari u li ma għandux jinqabeż
ladarba jintlaħaq;**

Ġustifikazzjoni

De facto, il-frażi “limitu tal-konċentrazzjoni” tikkorrespondi għall-valur ta' limitu. Il-Kummissjoni tintroduċi dan it-terminu għal skop ta' tfassil ta' l-istandard il-ġdid PM_{2.5}. Ir-rapporteur jipproponi li PM_{2.5} għandu jiġi regolat f'żewġ stadji: l-ewwel għandu jiġi determinat valur fil-mira u wara meta tiġi riveduta d-direttiva jista' jiġi stipulat valur ta' limitu. Għalissa m'għandu jiġi stipulat l-ebda valur ta' limitu peress li għad m'hemmx biżżejjed esperjenza mill-kejl tal-PM_{2.5} u d-dejta għadha mhix ċerta. Il-frażi “limitu tal-konċentrazzjoni” għandha tinbidel ma' “valur fil-mira” fit-test kollu.

Emenda 14
Artikolu 2, punt (16 a) (ġdid)

**(16a) “Emissjonijiet minn sorsi naturali”
għandha tfisser kull sustanza preżenti fl-
arja li ma ġietx maħluqa direttament jew
indirettament permezz ta' attività umana.
B'mod partikolari, dawn għandhom
jinkludu emissjonijiet ikkawżati minn
avvenimenti naturali bħal eruzzjonijiet
vulkaniċi, terremoti, attività ġeotermali,
nirien fil-miftuħ mhux intenzjonati, melħ
tal-baħar jew risuspensjoni atmosferika jew
minn trasport atmosferiku ta' partiċelli**

naturali minn reġjuni aridi;

Ġustifikazzjoni

Id-direttiva tirregola “emissjonijiet minn sorsi naturali” mingħajr ma tispeċifika d-dettallji tagħhom. Għal implimentazzjoni uniformi, u fl-interess ta' riżultati ta' kejl komparabbli fl-istati kollha ta' l-UE, ikun xieraq li dan it-terminu jiġi definit.

Emenda 15

Artikolu 5, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 **għandha tkun riveduta** ta' l-anqas kull ħames snin skond il-proċedura stipulata fit-Taqsima B ta' l-*Annessi II*.

2. Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha **tiġi mmoniterjata u, wara evalwazzjoni, ir-riżultati għandhom ikunu riveduti** ta' l-anqas kull ħames snin skond il-proċedura stipulata fit-Taqsima B ta' l-*Anness II*.

Emenda 16

Artikolu 6, paragrafu 2

2. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn il-livell tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent imsemmija fil-paragrafu 1 jaqbeż l-ogħla limitu stabbilit għal dawk is-sustanzi li jniġġsu, għandu jintuża kejl fiss biex tkun stmata l-kwalità ta' l-arja fl-ambjent. Dak il-kejl fiss **jista'** jiżdied b'metodi ta' tfassil u/jew kejl indikattiv biex ikun *provdut* tagħrif adegwat dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent.

2. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet fejn il-livell tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent imsemmija fil-paragrafu 1 jaqbeż l-ogħla limitu stabbilit għal dawk is-sustanzi li jniġġsu, għandu jintuża kejl fiss biex tkun stmata l-kwalità ta' l-arja fl-ambjent. Dak il-kejl fiss **għandu** jiżdied b'metodi ta' tfassil u/jew kejl indikattiv biex ikun *ipprovdut* tagħrif adegwat dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent.

Ġustifikazzjoni

It-tekniki ta' mmodellar u/jew kejl indikattiv għandhom ikunu obligatorji, flimkien mal-kejl fiss. Tekniki ta' mmudellar għandhom rekord tajjeb u jagħtu kontribuzzjoni importanti fil-kompilazzjoni ta' settijiet ta' dejta ta' min joqgħod fuqhom dwar il-kwalità ta' l-arja. B'mod partikulari dan hu veru għad-dejta dwar PM_{2.5}.

Emenda 17
Artikolu 6, paragrafu 3

3. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha fejn il-livell tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent imsemmija fil-paragrafu 1 huwa anqas mill-ogħla limitu ta' stima stabbilit għal dawk is-sustanzi li jniġġsu, taħlita ta' kejl fiss u metodi ta' tfassil u/jew kejl indikattiv **tista'** tintuża biex tkun stmata l-kwalità ta' l-arja fl-ambjent.

3. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha fejn il-livell tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent imsemmija fil-paragrafu 1 huwa anqas mill-ogħla limitu ta' stima stabbilit għal dawk is-sustanzi li jniġġsu, taħlita ta' kejl fiss u metodi ta' tfassil u/jew kejl indikattiv **għandha** tintuża biex tkun stmata l-kwalità ta' l-arja fl-ambjent.

Ġustifikazzjoni

It-tekniki ta' mmodellar u/jew kejl indikattiv għandhom ikunu obligatorji, flimkien mal-kejl fiss. Tekniki ta' mmudellar għandhom rekord tajjeb u jagħtu kontribuzzjoni importanti fil-kompilazzjoni ta' settijiet ta' dejta ta' min joqgħod fuqhom dwar il-kwalità ta' l-arja. B'mod partikulari dan hu veru għad-dejta dwar PM_{2.5}.

Emenda 18
Artikolu 7, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. F'kull żona jew agglomerazzjoni fejn il-kejl fiss huwa s-sors waħdieni tat-tagħrif għall-istima tal-kwalità ta' l-arja, l-għadd ta' punti mnejn jittieħdu l-kampjuni għal kull sustanza li tniġġes rilevanti m'għandux ikun anqas mill-għadd minimu tal-punti mnejn jittieħdu l-kampjuni speċifikati fit-Taqsima A ta' l-Anness V.

2. F'kull żona jew agglomerazzjoni fejn il-kejl fiss huwa s-sors waħdieni tat-tagħrif għall-istima tal-kwalità ta' l-arja, l-għadd ta' punti mnejn jittieħdu l-kampjuni għal kull sustanza li tniġġes rilevanti m'għandux ikun anqas mill-għadd minimu tal-punti mnejn jittieħdu l-kampjuni speċifikati fit-Taqsima A ta' l-Anness V. **F'dawn iż-żoni, il-kejl korrispondenti jrid isir kuljum.**

Ġustifikazzjoni

Irid ikun żgurat, anke fejn m'hemmx valuri ta' limitu ta' kuljum, li l-kejl ta' sustanzi li jniġġsu jsir kuljum sabiex tinġabar id-dejta u tforni lill-pubbliku b'informazzjoni u tiġi kkumplimentata b'tekniki ta' mmudellar biss meta dan ikun fattibbli mingħajr telf serju ta' informazzjoni.

Emenda 19
Artikolu 7, paragrafu 2, subparagrafu 2, punt (a)

(a) il-metodi supplimentari jagħtu biżżejjed tagħrif għall-istima tal-kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri ta' limitu, **il-limiti tal-konċentrazzjoni** jew **il-limiti**

(a) il-metodi supplimentari jagħtu biżżejjed tagħrif għall-istima tal-kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri ta' limitu, **tal-valuri fil-mira** jew **tal-limiti** tat-

tat-twissija, kif ukoll tagħrif adegwat għall-pubbliku;

twissija, kif ukoll tagħrif adegwat għall-pubbliku;

(Din l-emenda tapplika tul dan it-test leġiżlattiv kollu; jekk l-emenda tiġi adottata, ser ikun hemm bżonn modifikazzjonijiet tekniċi tul it-test kollu.)

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur jipproponi li l-PM_{2.5} għandu jiġi regolat f'żewġ stadji: l-ewwel għandu jiġi determinat valur fil-mira u wara meta tiġi riveduta id-direttiva jista' jiġi stipulat valur ta' limitu. Għalissa m'għandu jiġi stipulat l-ebda valur ta' limitu peress li għad m'hemmx biżżejjed esperjenza mill-kejl tal-PM_{2.5} u d-dejta għadha mhix ċerta. It-terminu "limitu tal-konċentrazzjoni" għandu jinbidel ma' "valur fil-mira" fit-test kollu.

Emenda 20

Artikolu 7, paragrafu 2, subparagrafu 2, punt (a a) (ġdid)

(aa) kejl ta' kuljum isir fil-punti installati mnejn se jittieħdu l-kampjuni;

Ġustifikazzjoni

Irid ikun żgurat, anke fejn m'hemmx valuri ta' limitu ta' kuljum, li l-kejl ta' sustanzi li jniġġsu jsir kuljum sabiex tinġabar id-dejta u tforni lill-pubbliku b'informazzjoni u tiġi kkumplementata b'tekniki ta' mmudellar biss meta dan ikun fattibbli mingħajr telf serju ta' informazzjoni.

Emenda 21

Artikolu 7, paragrafu 2, subparagrafu 3

Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu, ir-riżultati tat-tfassil u/jew il-kejl indikattiv għandhom jitqiesu għall-istima tal-kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri ta' limitu jew ***tal-limiti tal-konċentrazzjoni.***

Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu, ir-riżultati tat-tfassil u/jew il-kejl indikattiv għandhom jitqiesu għall-istima tal-kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri ta' limitu jew ***tal-valuri fil-mira.***

(Din l-emenda tapplika tul dan it-test leġiżlattiv kollu; jekk l-emenda tiġi adottata, ser ikun hemm bżonn modifikazzjonijiet tekniċi tul it-test kollu.)

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur jipproponi li l-PM_{2.5} għandu jiġi regolat f'żewġ stadji: l-ewwel għandu jiġi determinat valur fil-mira u wara meta tiġi riveduta id-direttiva jista' jiġi stipulat valur ta' limitu.

Għalissa m'għandu jiġi stipulat l-ebda valur ta' limitu peress li għad m'hemmx biżżejjed esperjenza mill-kejl tal-PM_{2.5} u d-dejta għadha mhix ċerta. It-terminu "limitu tal-konċentrazzjoni" għandu jinbidel ma' "valur fil-mira" fit-test kollu.

Emenda 22
Artikolu 7, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tal-kriterji għall-għażla tal-punti mnejn se jittieħdu l-kampjuni.

Ġustifikazzjoni

Arja nadifa hi wkoll fattur biex jintlaħqu l-oġettivi ta' Liżbona (b'mod partikolari fir-rigward ta' postijiet ta' negozju, turiżmu u traffiku bla limitu). Sistema uniformi tal-postijiet għall-punti mnejn se jittieħdu l-kampjuni trid tiġi żgurata. Il-prattika ta' kejl ta' bħalissa hi differenti ħafna fost l-Istati Membri individwali u hu impossibbli li tqabbel riżultati ta' kejl.

Emenda 23
Artikolu 12

F'żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, id-dijossidu tan-nitroġenu, il-PM₁₀, il-PM_{2.5}, iċ-ċomb, il-benzina u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent jkunu taħt il-valuri ta' limitu jew il-limiti tal-konċentrazzjoni rispettivi speċifikati fl-Annessi XI u XIV, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinżamm dak l-istatus tal-kwalità ta' l-arja.

F'żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, id-dijossidu tan-nitroġenu, il-PM₁₀, il-PM_{2.5}, iċ-ċomb, il-benzina u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent jkunu taħt il-valuri ta' limitu jew il-limiti tal-konċentrazzjoni rispettivi speċifikati fl-Annessi XI u XIV, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinżamm dak l-istatus **ta' konformità** tal-kwalità ta' l-arja.

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu hu ambigwu fit-test tal-Kummissjoni – qed jgħid li l-istatus ta' konformità tal-kwalità ta' l-arja għandu jinżamm jew qed jgħid li l-livell preżenti tal-kwalità ta' l-arja (b'konformità) b'effett isir 'limitu' aktar strett tal-kwalità ta' l-arja? Biż-żieda ta' konċentrazzjonijiet emisferiċi fl-isfond, varjazzjonijiet fil-meterjoloġija minn sena għal sena u l-bżonn ta' espansjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi f'postijiet speċifiċi (bi qbil ma' prijoritajiet politiċi u soċjali oħra), mhux prattiku li wieħed jistenna li l-kwalità ta' l-arja 'tibqa' wieqfa'. Id-dħul tal-kelma konformità tiċċara li l-istatus ta' konformità li jrid jinżamm.

Emenda 24
Artikolu 13, titolu u paragrafu 1

Valuri ta' limitu għall-ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tul it-territorju tagħhom, li livelli tad-dijossidu tal-kubrit PM₁₀, iċ-ċomb, u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent *ma* jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI.

Fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-benzina, il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.

Il-marġini ta' tolleranza stabbiliti fl-Anness XI għandhom japplikaw skond l-Artikolu 21.

Valuri ta' limitu ***u limiti ta' twissija*** għall-ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin

1. L-Istati Membri, ***b'kunsiderazzjoni għat-Taqsima A ta' l-Anness III***, għandhom jiżguraw li tul it-territorju tagħhom, li livelli tad-dijossidu tal-kubrit PM₁₀, iċ-ċomb, u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent *ma* jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI.

Fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-benzina, il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Anness XI ma jistgħux jinqabżu mid-dati speċifikati fih.

Konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi evalwata skond Taqsima B ta' l-Anness III.

Il-marġini ta' tolleranza stabbiliti fl-Anness XI għandhom japplikaw skond l-Artikolu 21.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tirrikjedi li fuq naħa f'Artikolu 13 il-valuri ta' limitu (għall-ħarsien tad-drittijiet umani) iridu jintlaħqu mill-Istati Membri fit-territorju tagħhom (li dan ifisser kullimkien); fuq in-naħa l-oħra Anness III jirrikjedi li l-punti mnejn se jittieħdu l-kampjuni diretti lejn il-protezzjoni tas-saħħa umana għandhom ikun fejn l-popolazzjoni tista' tkun esposta l-aktar għal perjodu li hu sinifikanti fejn għandu x'jaqsam il-perjodu ta' medja tal-valuri ta' limitu jew meta jkun ġeneralment espost. Bħala konsegwenza, l-inħawi fejn il-valuri ta' limitu japplikaw (Artikolu 13) u fejn il-konformità tiġi ċċekjata u murija b'kejl (Anness III) mhumiex identiċi; ir-reġim ta' assessjar (ta' l-anqas ibbażat fuq immoniterjar) ma jaqbilx ma' l-inħawi fejn japplikaw valuri ta' limitu. Din il-konċentrazzjoni tpoġġi lill-Istati Membri, lill-pubbliku u lill-Kummissjoni f'pożizzjoni vera diffiċli u ċ-ċans hu li wieħed iqum u jispiċċa f'kawżi fil-qorti li ma jispiċċjaw qatt.

Emenda 25
Artikolu 13, paragrafu 3, subparagrafu 1

L-Istati Membri jistgħu jindikaw żoni jew agglomerazzjonijiet li fihom valuri ta' limitu

L-Istati Membri jistgħu jindikaw żoni jew agglomerazzjonijiet li fihom valuri ta' limitu

għall-PM₁₀ inqabżu minħabba l-konċentrazzjonijiet tal-PM₁₀ fl-arja ta' l-ambjent minħabba s-sospensjoni mill-ġdid ta' partiċelli wara t-tpoġġija tar-ramel fix-xitwa.

għall-PM₁₀ inqabżu minħabba l-konċentrazzjonijiet tal-PM₁₀ fl-arja ta' l-ambjent minħabba s-sospensjoni mill-ġdid ta' partiċelli wara t-tpoġġija tar-ramel fix-xitwa, **jew tindif tat-toroq, dejjem jekk il-livelli PM_{2,5} ma jiġux affettwati.**

Ġustifikazzjoni

Ir-riskju proprja hu marbut mal-partiċelli PM_{2.5}. Fl-interval bejn PM_{2.5} u PM₁₀, il-partiċelli, li l-biċċa l-kbira jiġu depożitati fil-kondotti ta' l-arja ta' fuq li huma karatterizzati b'mekkaniżmi ta' tneħħija rapida, ma jħallux effetti fit-tul.

Emenda 26

Artikolu 13, paragrafu 3, subparagrafu 4

Bla ħsara għall-Artikolu 19, fil-każ taż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pjanijiet jew il-programmi msemmija fl-Artikolu 21 fil-każ biss li dawn il-qabżiet huma attribwibbli għas-sorsi tal-PM₁₀ li ma jkunux it-tpoġġija tar-ramel fix-xitwa.

Bla ħsara għall-Artikolu 19, fil-każ taż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pjanijiet jew il-programmi msemmija fl-Artikolu 21 fil-każ biss li dawn il-qabżiet huma attribwibbli għas-sorsi tal-PM₁₀ li ma jkunux it-tpoġġija tar-ramel **u tal-melħ** fix-xitwa.

Ġustifikazzjoni

Il-melħ għandu jissewma wkoll, peress li l-użu tiegħu hu essenzjali f'ħafna reġjuni matul ix-xitwa.

Emenda 27

Artikolu 15, titolu

Il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment għall-PM_{2.5} u **l-limitu tal-konċentrazzjoni** għall-ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin

Il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment għall-PM_{2.5} u **l-valur fil-mira u l-valur ta' limitu għall-konċentrazzjoni tal-PM_{2.5}** għall-ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin

Emenda 28
Artikolu 15, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment ta' 20% għandha tkun il-livell medju li għandu jintlaħaq fl-Unjoni Ewropea. Il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment għandha tkun differenzjata fost l-Istati Membri skond il-livelli ta' konċentrazzjoni tagħhom.

Emenda 29
Artikolu 15, paragrafu 4

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li konċentrazzjonijiet tal-PM_{2.5} fl-arja ta' l-ambjent ***ma jaqbżux il-limitu tal-konċentrazzjoni stipulat fit-Taqsima C ta' l-Anness XIV madwar it-territorju kollu tagħhom b'effett mid-data speċifikata hemm.***

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***valur fil-mira u valur ta' limitu għall-konċentrazzjonijiet tal-PM_{2.5} fl-arja ta' l-ambjent jintlaħqu fit-territorju kollu tagħhom mid-data speċifikata f'Taqsima C ta' Anness XIV.***

Ġustifikazzjoni

Dejta tal-PM_{2.5} li hi disponibbli bħalissa għadha mhix adegwata biex jiġi stipulat valur ta' limitu ġdid li jorbot. L-istess żball m'għandux isir kif sar mal-PM₁₀, meta l-valuri ta' limitu li jorbtu daħlu fis-seħħ mingħajr dejta adegwata.

Emenda 30
Artikolu 20

1. Meta, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu jew il-benzina jew ***il-limitu tal-konċentrazzjoni*** għall-PM_{2.5} ma jistgħux jinkisbu sa' l-iskadenzi speċifikati fl-Anness XI jew fit-Taqsima C ta' l-Anness XIV, Stat Membru jista' jipposponi dawk l-iskadenzi sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona jew agglomerazzjoni partikolari, ***bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:***

1. Meta, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu, il-benzina, ***PM₁₀*** jew ***valur fil-mira*** għall-PM_{2.5} ma jistgħux jinkisbu sa' l-iskadenzi speċifikati fl-Anness XI jew fit-Taqsima C ta' l-Anness XIV, Stat Membru jista' jipposponi dawk l-iskadenzi sa massimu ta' ħames snin ***mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*** għal dik iż-żona jew agglomerazzjoni partikolari, ***jekk l-Istat Membru juri li kull miżura xierqa ttieħdet fuq livell nazzjonali, reġjunali u lokali biex ilaħħaq ma' l-iskadenzi msemmija hawn***

fuq, inkluż l-implimentazzjoni tad-Direttivi msemmija f'Taqsima B ta' l-Anness XV bl-iskadenzi stipulati f'dawn id-Direttivi, u li l-konċentrazzjonijiet fl-isfond tas-sustanzi rilevanti li jniġġsu kkonċernati juru tendenza ta' tnaqqis. Għandu jitfassal pjan jew programm għaż-żona jew agglomerazzjoni skond l-Artikolu 21 fejn jintwerew liema miżuri ser jittieħdu sabiex jintlaħaq il-valur ta' limitu sa l-iskadenza l-ġdida.

(a) it-twaqqif ta' pjan jew programm skond l-Artikolu 21 għaż-żona jew agglomerazzjoni li għalihom japplika l-posponiment, u l-komunikazzjoni ta' dak il-pjan jew programm lill-Kummissjoni;

(b) it-twaqqif, , ta' programm dwar it-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-arja għall-perjodu tal-posponiment, li jinkorpora ta' l-anqas it-tagħrif elenkat fit-Taqsima B ta' l-Anness XV, u juri li l-konformità ser tikiseb mal-valuri ta' limitu jew il-limiti tal-konċentrazzjoni qabel l-iskadenza l-ġdida u l-komunikazzjoni ta' dak il-programm lill-Kummissjoni.

2. Meta, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tad-dijossidu tal-kubrit, l-monossidu tal-karbonju, **iċ-ċomb u l-PM₁₀**, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tikiseb minħabba l-karatteristiċi tat-tixrid speċifiċi għas-sit, kondizzjonijiet tal-klima ħżiena jew il-kontribuzzjonijiet transkonfinanti, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li japplikaw dawk il-valuri ta' limitu sal-31 ta' Diċembru, 2009 l-aktar tard, iżda l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 **(a) u (b)** għandhom ikunu osservati.

2. Meta, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tad-dijossidu tal-kubrit, l-monossidu tal-karbonju **u iċ-ċomb**, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tikiseb minħabba l-karatteristiċi tat-tixrid speċifiċi għas-sit, kondizzjonijiet tal-klima ħżiena jew il-kontribuzzjonijiet transkonfinanti, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li japplikaw dawk il-valuri ta' limitu sal-31 ta' Diċembru, 2009 l-aktar tard, iżda l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu osservati.

2a. L-Istati Membri jistgħu jipposponu l-iskadenza għall-valuri ta' limitu għall-PM₁₀ u għall-PM_{2,5} jew għall-valur fil-mira għall-PM_{2,5} imsemmja f'paragrafu 1, b'perjodu addizzjonali ta' ħames snin l-aktar għal żona jew agglomerazzjoni partikolari, meta l-pjan tal-kwalità ta' l-arja taħt paragrafu 1 juri li l-valuri ta'

3. Meta Stat Membru japplika l-paragrafi 1 **jew 2**, għandu jiżgura li l-valur ta' limitu **jew il-limitu tal-konċentrazzjoni** għal kull sustanza li tniġġes ma jinqabiżx b'aktar mill-marġni massimu tat-tolleranza speċifikat fl-Anness XI jew XIV għal kull sustanza li tniġġes ikkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bla dewmien meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafi 1 **jew 2** japplikaw, u għandhom jikkomunikaw l-pjanijiet jew il-programmi u l-programm għat-tnaqqis tat-tniġġis fl-arja msemmija fil-paragrafu 1 inkluż kull tagħrif rilevanti meħtieġ għall-Kummissjoni biex ikun stmat jekk il-kondizzjonijiet rilevanti humiex sodisfatti.

Meta l-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien **disa'** xhur minn mindu tkun **riċevuta dik in-notifika**, għandhom jitqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 **jew il-paragrafu 2**.

Jekk jitqajmu oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istati Membri jaġġustaw jew jipprovdur pjanijiet jew programmi ġodda jew programmi għat-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-arja.

limitu ma jistgħux jintlaħqu, jekk l-Istat Membru juri li kull miżura xierqa tkun ittieħdet fuq livell nazzjonali, reġjunali u lokali biex jintlaħqu l-iskadenzi hawn fuq imsemmija, inkluż l-implimentazzjoni tad-Direttivi u tar-Regolamenti msemmija f'Taqsim B ta' l-Anness XV u ta' l-Anness XVIIa bl-iskadenzi stipulati f'dawn l-atti legali. Pjan rivedut għall-kwalità ta' l-arja għandu jispjega l-kawżi għall-qabża wara l-iskadenza msemmija hawn fuq u għandu juri liema miżuri ser jittieħdu sabiex jintlaħqu l-valuri ta' limitu fil-perjodu addizzjonali.

3. Meta Stat Membru japplika l-paragrafi 1, 2 **jew 2a**, għandu jiżgura li l-valur ta' limitu għal kull sustanza li tniġġes, **b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe żieda ġġustifikata mill-Artikolu 30a**, ma jinqabiżx b'aktar mill-marġni massimu tat-tolleranza speċifikat fl-Anness XI jew XIV għal kull sustanza li tniġġes ikkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni **kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra kollha** bla dewmien meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafi 1, 2 **jew 2a** japplikaw, u għandhom jikkomunikaw l-pjanijiet jew il-programmi u l-programm għat-tnaqqis tat-tniġġis fl-arja msemmija fil-paragrafu 1 inkluż kull tagħrif rilevanti meħtieġ għall-Kummissjoni biex ikun stmat jekk il-kondizzjonijiet rilevanti humiex sodisfatti. **Meta tkun qed issir l-evalwazzjoni jekk il-kundizzjonijiet rilevanti ġewx sodisfatti jew le, kunsiderazzjoni speċjali trid tingħata għal liema miżuri Komunitarji addizzjonali ttieħdu sabiex jgħinu lill-Istat Membru jlaħħaq mal-valuri fil-mira u mal-valuri ta' limitu rilevanti.**

Meta l-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien **sitt** xhur minn mindu tkun **waslet n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu**, għandhom jitqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, 2 **jew 2a**.

Jekk jitqajmu oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istati Membri jaġġustaw jew jipprovdu pjanijiet jew programmi ġodda jew programmi għattnaqqis tat-tniġġis ta' l-arja.

Emenda 31

Artikolu 21, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Meta, fiż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet stipulati, il-livelli tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent jaqbżu kull valur ta' limitu jew valur *fil-mira jew il-limitu tal-konċentrazzjoni* kif ukoll kull marġni rilevanti tat-tolleranza *fi kull* każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti pjanijiet jew programmi għal dawk żoni u agglomerazzjonijiet sabieħ jinkiseb *il-limitu jew valur fil-mira jew il-limitu tal-konċentrazzjoni rispettivi speċifikati* fl-Annessi XI u XIV.

1. Meta, fiż-żoni jew l-agglomerazzjonijiet stipulati, il-livelli tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent jaqbżu kull valur ta' limitu jew kull valur fil-mira kif ukoll kull marġni rilevanti tat-tolleranza *f'kull* każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti pjanijiet jew programmi għal dawk *iż-żoni* u *l-agglomerazzjonijiet* sabieħ jinkiseb *il-valur ta' limitu jew valur fil-mira rispettiv, speċifikat* fl-Annessi XI u XIV.

Ġustifikazzjoni

L-emenda għall-subparagrafu 1 kien hemm bżonn li ssir minħabba l-emenda ta' l-Artikolu 7(2).

Emenda 32

Artikolu 21, paragrafu 1, subparagrafu 2

Dawn il-pjanijiet jew programmi għandhom jinkorporaw ta' l-anqas it-tagħrif elenkat *fit-Taqsima A ta' l-Anness XV u jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni bla dewmien.*

Dawn il-pjanijiet jew programmi għandhom jinkorporaw ta' l-anqas it-tagħrif elenkat *fl-Anness XV. Dawn jistgħu jinkludu miżuri skond l-Artikolu 22.*

Ġustifikazzjoni

Fl-interessi ta' simplifikazzjoni, il-pjanijiet u l-programmi li se jgħibu tnaqqis ġenerali fil-livelli ta' sustanzi li jniġġsu jistgħu, fuq bażi preventiva, jinkludu miżuri skond l-Artikolu 22 biex jitnaqqsu konċentrazzjonijiet massimi fiż-żmien immedjat.

Informazzjoni dwar pjanijiet u programmi għal arja nadifa diġà qed tiġi kkomunikata b'mod elettroniku. L-espressjoni "bla dewmien" tħassret għaliex mhux kull pjan hu kkomunikat lill-Kummissjoni dritt wara li jkun sar l-abbozz tiegħu. Jagħmel iktar sens li għall-bidu jinġabru l-pjanijiet fuq livell nazzjonali u tingħadda l-informazzjoni għal kull sena lill-Kummissjoni b'mod

ikkoordinat. Dan jaqbel ukoll mal-prattika adottata s'issa. Il-Komunità tista' tfassal aktar dettalji tal-proċedura ta' komunikazzjoni skond l-Artikolu 26(2).

Emenda 33

Artikolu 21, paragrafu 1, subparagrafu 2 a (ġdid)

Il-pjanijiet u l-programmi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jifasslu bid-dispożizzjoni li, f'każ ta' installazzjonijiet industrijali fl-iskop tad-Direttiva 96/61/KE li tapplika l-aħjar tekniki disponibbli msemmija fil-punt 11 ta' l-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, huma m'għandhomx jinvolu rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-applikazzjoni ta' l-aħjar tekniki disponibbli. Il-pjanijiet u l-programmi għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni f'forma xierqa elettronika en bloc sa data li għad trid tiġi determinata skond l-Artikolu 26(2).

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu 2a l-ġdid jikkorrespondu mat-test ta' l-Artikolu 3(3) u mal-Premessa 5 tar-raba' direttiva li għandha sseġwi din id-Direttiva dwar il-Qafas għall-Kwalità ta' l-Arja (Direttiva 2004/107/KE marbuta ma' arseniku, kadmju, merkurju, nikel u idrokarboni poliċikliċi aromatiċi fl-arja ta' l-ambjent). Intrapriżi li jġarrbu nfiq sostanzjali biex japplikaw il-BAT m'għandux ikollhom piżijiet żejda fuqhom. M'hemm xejn li jipprevjeni lill-awtoritajiet lokali u reġjunali milli jiżguraw titjib addizzjonali fil-kwalità ta' l-arja permezz ta' miżuri volontarji.

Emenda 34

Artikolu 21, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Meta l-Istati Membri jistgħu juru fil-pjanijiet u fil-programmi tagħhom li l-armonizzazzjoni eżistenti skond l-Artikolu 95 mhix adegwata għal titjib suffiċjenti fil-kwalità ta' l-arja, il-Kummissjoni għandha tħallihom jieħdu miżuri dejjem aktar mifruxa jekk dawn l-Istati Membri jitolbu hekk lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 95 (4) u (5) tat-Trattat.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tas-suq intern ta' Stat Membru għandhom jikkonsidraw livell għoli ta' ħarsien ambjentali, inkluż dak li għandu x'jaqsam mat-titjib tal-kwalità ta' l-arja.

Emenda 35

Artikolu 22, paragrafu 1

1. Meta, f'żona jew agglomerazzjoni stipulati, ikun hemm il-periklu li l-livell ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent se jaqbeż wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu, ***il-limiti tal-konċentrazzjoni***, il-valuri fil-mira jew il-limiti tat-twissija speċifikati fl-Annessi VII, XI, ***fit-Taqsima A ta' l-Anness XII u fl-Anness XIV***, l-Istati Membri għandhom, fejn jixraq, ifasslu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq medda qasira ta' żmien biex jitnaqqas dak il-periklu sabiex *tkun illimitata d-durata ta' xi ħaġa bħal din.*

Madankollu, ***meta jkun hemm periklu li l-limitu ta' twissija fir-rigward ta' l-ożonu kif speċifikat fit-Taqsima B ta' l-Anness XII jinqabeż***, l-Istati Membri għandhom ifasslu biss tali pjanijiet ta' azzjoni għall-medda qasira ta' żmien meta fil-fehma *tagħhom* ikun hemm potenzjal sinifikanti, meta jingħata kas tal-kondizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas il-periklu, *id-durata* jew il-gravità ta' din il-qabża. Meta jkunu qegħdin ifasslu pjan ta' azzjoni bħal dan *għallmedda* qasira ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jagħtu kas tad-Deċiżjoni 2004/279/KE.

1. Meta, f'żona jew agglomerazzjoni stipulati, ikun hemm il-periklu li l-livell ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja ta' l-ambjent se jaqbeż wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu, il-valuri fil-mira jew il-limiti tat-twissija speċifikati fl-Annessi VII, XI, XII u XIV, l-Istati Membri għandhom, fejn ***dan jidher li jkun*** jixraq, ifasslu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq medda qasira ta' żmien biex jitnaqqas dak il-periklu sabiex *ikun illimitat il-perjodu kemm iddum* xi ħaġa bħal din.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom ifasslu biss tali pjanijiet ta' azzjoni għall-medda qasira ta' żmien meta fil-fehma *tagħhom* ikun hemm potenzjal sinifikanti, meta jingħata kas tal-kondizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas il-periklu, *il-perjodu kemm iddum* jew il-gravità ta' din il-qabża. Meta jkunu qegħdin ifasslu pjan ta' azzjoni bħal dan *għal medda* qasira ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jagħtu kas tad-Deċiżjoni 2004/279/KE.

Ġustifikazzjoni

M'huwiex ċar għalfejn l-eċċezzjonijiet imsemmija f'subparagrafu 2 għandhom japplikaw biss għall-ożonu. Id-dispożizzjoni li pjanijiet ta' azzjoni fuq żmien qasir iridu jifasslu biss jekk il-miżuri għalxiex huma jiddisponu jistgħux jagħmlu kontribuzzjoni sinnifikanti għat-titjib tal-kwalità ta' l-arja skond il-kundizzjoni li jkun hemm u ovvjament fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Emenda 36
Artikolu 22, paragrafu 2

2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-medda qasira ta' żmien kif jissemmew fil-paragrafu 1 jistgħu, skond il-każ individwali, *jistgħu* jaħsbu għal miżuri ta' kontroll u, fejn huwa neċessarju, jissospendu attivitajiet, ***inkluż it-traffiku tal-vetturi bil-magni***, li ***jikkontribwixxu*** għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu rispettivi jew ***il-limiti tal-konċentrazzjoni*** jew il-valur fil-mira jew il-limitu ta' twissija. ***Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jistgħu jinkludu wkoll miżuri effettivi fir-rigward ta' l-użu ta' impjanti jew prodotti industrijali.***

2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-medda qasira ta' żmien kif jissemmew fil-paragrafu 1 jistgħu, skond il-każ individwali, jaħsbu għal miżuri ta' kontroll ***b'effikaċità ppruvata fuq żmien qasir*** u, fejn huwa neċessarju, jissospendu attivitajiet ***li juru b'mod ċar li huma responsabbli għar-riskju miżjud*** li jinqabżu l-valuri ta' limitu rispettivi jew il-valur fil-mira jew il-limitu ta' twissija. ***It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21(1) għandu japplika mutatis mutandis.***

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni fuq żmien qasir iridu jkun ġenwinament effettivi fiż-żmien qasir. Aktar minn hekk, f'każ li l-attivitajiet jiġu sospiżi, ir-relazzjoni kawżali trid tkun ċara. Fl-aħħar, ikun arbitrarju li jissemma biss traffiku ta' vetturi bil-mutur.

Ir-referenza għall-Artikolu 21 ġiet bżonnjuża minħabba emenda oħra. Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Artikolu 21(1).

Emenda 37
Artikolu 22, paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet xierqa ***bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi sensitivi tal-popolazzjoni u entitajiet oħra rilevanti għall-ħarsien tas-saħħa*** kemm ir-riżultati ta' l-istħarriġ tagħhom dwar il-fattibilità u kemm il-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għall-

3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet xierqa kemm ir-riżultati ta' l-istħarriġ tagħhom dwar il-fattibilità u kemm il-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għall-medda qasira ta' żmien kif ukoll tagħrif dwar it-tweqqif ta' dawn il-pjanijiet. ***Organizzazzjonijiet rilevanti għandhom jitqiesu li qed jinkludu organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-***

medda qasira ta' żmien kif ukoll tagħrif
dwar it-tweġġ ta' dawn il-pjanijiet.

***interessi ta' gruppi sensittivi tal-
popolazzjoni, entitajiet oħra rilevanti
għall-ħarsien tas-saħħa u
federazzjonijiet industrijali rilevanti.***

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda tar-rapporteur għall-Artikolu 24(1).

Emenda 38

Artikolu 22, paragrafu 3 a (ġdid)

***3a. 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta'
din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha
tippubblika, b'mod regolari, eżempji ta' l-
aħjar Prattiki għat-tfassil ta' pjanijiet ta'
azzjoni fuq żmien qasir.***

Ġustifikazzjoni

Miżuri speċifiċi biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fuq livell lokali u reġjunali għandhom jiġu proposti f'din id-direttiva. Fl-opinjoni tar-rapporteur, proposti speċifiċi m'humiex kompatibbli mal-prinċipju ta' susidjarjetà. Minħabba d-diffikultajiet li nqalgħu minn haġna awtoritajiet lokali u reġjunali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, il-Kummissjoni għandha tippubblika eżempji ta' l-aħjar Prattiki. Dawn jiffaċilitaw l-iskambju ta' l-aħjar Prattiki bejn l-awtoritajiet lokali.

Emenda 39

Artikolu 24, paragrafu 1, parti introduttorja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet xierqa bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi **u** entitajiet oħra rilevanti għall-kura tas-saħħa jkunu mgħarrfa b'mod adegwat u fil-ħin dwar:

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet xierqa bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensittivi, entitajiet oħra rilevanti għall-kura tas-saħħa **u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti** jkunu mgħarrfa b'mod adegwat u fil-ħin dwar:

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri li hemm dispożizzjoni għalihom fil-pjanijiet prinċiparjament għandhom x'jaqsmu mat-

trasport u, direttament jew indirettament relatati ma' ħidmiet ekonomiċi. Hu għalhekk importanti li jiġi żgurat li l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jiġu kkonsultati u informati wkoll.

Emenda 40
Artikolu 24, paragrafu 2

2. L-Istat Membru għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku r-rapporti **komprensivi** annwali għas-sustanzi li jniġġsu kollha li huma koperti minn din id-Direttiva.

Dawk ir-rapporti, għandhom, **bħala minimu**, jiġbru fil-qosor il-livelli li jaqbżu l-valuri ta' limitu, **il-limiti ta' konċentrazzjoni**, il-valuri fil-mira, l-għanijiet għall-medda twila taż-żmien, il-limiti ta' informazzjoni u twissija, għall-perjodi medji rilevanti. Dik l-informazzjoni għandha tingħaqad ma' valutazzjoni fil-qosor ta' l-effetti ta' dawn il-qabżiet. Dawn jistgħu jinkludu, fejn xieraq, iktar tagħrif u valutazzjonijiet għall-ħarsien tal-foresti kif ukoll tagħrif dwar sustanzi oħra li jniġġsu li m'hemmx dispożizzjonijiet għas-sorveljanza tagħhom speċifikati fid-Direttiva, bħalma huma, fost oħrajn, is-sustanzi prekursori ta' l-ożonu magħżula li mhumiex irregolati kif elenkati fit-Taqsima B ta' l-Anness X.

2. L-Istat Membru għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku r-rapporti annwali għas-sustanzi li jniġġsu kollha li huma koperti minn din id-Direttiva.

Dawk ir-rapporti, għandhom, jiġbru fil-qosor il-livelli li jaqbżu l-valuri ta' limitu, il-valuri fil-mira, l-għanijiet għall-medda twila taż-żmien, il-limiti ta' informazzjoni u ta' twissija, għall-perjodi medji rilevanti. Dik l-informazzjoni għandha tingħaqad ma' valutazzjoni fil-qosor ta' l-effetti ta' dawn il-qabżiet. Dawn jistgħu jinkludu, fejn xieraq, iktar tagħrif u valutazzjonijiet għall-ħarsien tal-foresti kif ukoll tagħrif dwar sustanzi oħra li jniġġsu li m'hemmx dispożizzjonijiet għas-sorveljanza tagħhom speċifikati fid-Direttiva, bħalma huma, fost oħrajn, is-sustanzi prekursori ta' l-ożonu magħżula li mhumiex irregolati kif elenkati fit-Taqsima B ta' l-Anness X.

Ġustifikazzjoni

Ir-rappurtar għandu jinżamm dwar informazzjoni essenzjali sabiex jitħaffef il-piż fuq l-awtoritajiet lokali u reġjunali u l-Istati Membri.

Emenda 41
Artikolu 28

L-Istati Membri għandhom għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' din id-Direttiva u għandhom jiehd u l-miżuri

L-Istati Membri għandhom għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' din id-Direttiva u għandhom jiehd u l-miżuri

kollha neċessarji biex ikun żgurat li dawn ikunu implementati. Il-penali li għandhom ikunu stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuasivi. **L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 31(1) u għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kull emenda sussegwenti li tolqothom.**

kollha neċessarji biex ikun żgurat li dawn ikunu implementati. Il-penali li għandhom ikunu stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuasivi.

Ġustifikazzjoni

In-notifikazzjoni ta' dispożizzjonijiet hi rregolata fl-Artikolu 31 ta' din id-direttiva. L-Istati Membri m'għandux ikollhom il-bżonn li jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-penalitajiet tagħhom għall-ksur ta' dispożizzjonijiet domestiċi.

Emenda 42 Artikolu 30

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi, fi żmien ħames snin wara ***l-adozzjoni*** ta' din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet marbuta mal-PM_{2.5}. Partikolament, il-Kummissjoni għandha ***tiżviluppa*** strateġija dettaljata sabiex tistabbilixxi obbligi ta' tnaqqis ta' l-esponiment li jorbtu bil-liġi li jqisu ***s-sitwazzjonijiet differenti fil-ġejjieni*** tal-kwalità ta' l-arja u tal-potenzjal għat-tnaqqis fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi, fi żmien ħames snin wara ***d-dħul fis-seħħ*** ta' din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet marbuta mal-PM_{2.5} ***u mal-PM₁₀, b'kunsiderazzjoni ta' l-aħħar għarfien xjentifiku.*** Partikolament, il-Kummissjoni għandha ***tipproponi*** strateġija dettaljata sabiex tistabbilixxi obbligi ta' tnaqqis ta' l-esponiment li jorbtu bil-liġi li jqisu ***l-kwalità ta' l-arja u tal-potenzjal għat-tnaqqis fl-Istati Membri.***

Emenda 43 Artikolu 30 a (ġdid)

Artikolu 30a

Miżuri Komunitarji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet

Jekk il-miżuri Komunitarji neċessarji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-sors, kif msemmi fl-Anness XVIIa, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2010, Stat Membru jista' jiġi mogħti żieda fil-valuri ta' limitu PM_{2.5} u PM₁₀ sakemm dawn il-miżuri jidħlu fis-

seħħ, jekk jintwera li l-kundizzjonijiet biex tinkiseb estensjoni, stipulata fl-Artikolu 20, ġewx sodisfatti jew le u jiġi muri x'seta' kien l-impatt fuq il-valuri ta' limitu ta' kull miżura msemmija. Iż-żieda totali mogħtija m'għandhiex taqbeż massimu ta' 10% tal-valur ta' limitu.

Emenda 44

Artikolu 31, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-osservazzjoni ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard **mill-31 ta' Diċembru 2007**. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella tal-korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-osservazzjoni ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard **minn 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**. Dawn għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella tal-korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-proċedura se tiegħu l-ħin, ikun xieraq jekk jiġu ffissati skadenzi għal traspożizzjoni li hi indipendenti minn kwalunkwe data predeterminanti.

Emenda 45

Anness V, Taqsima A, punt a, tabella

Test propost mill-Kummissjoni

Il-popolazzjoni ta' l-agglomerazzjoni jew taż-żona (eluf)	Jekk il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-ogħla limitu ⁽¹⁾	Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jkunu bejn l-ogħla limitu u dak l-aktar baxx
0-249	1	1
250-499	2	1
500-749	2	1

750-999	3	1
1 000-1 499	4	2
1 500-1 999	5	2
2 000-2 749	6	3
2 750-3 749	7	3
3 750-4 749	8	4
4 750-5 999	9	4
≥ 6 000	10	5

⁽¹⁾ Għad-NO₂, il-partiċelli, il-monossidu tal-karbonju u l-benzina: iridu jkunu inklużi ta' l-anqas stazzjon wieħed għall-istudju ta' l-isfond urban u stazzjon wieħed orjentat lejn it-traffiku, sakemm dan ma jżidx l-għadd ta' punti mnejn jittieħdu l-kampjuni. L-għadd totali ta' stazzjonijiet għall-istudju ta' l-isfond urban u l-għadd totali ta' stazzjonijiet orjentati lejn it-traffiku fi Stat Membru ma għandux ivarja b'aktar minn fattur ta' 2.

Emendi tal-Parlament

Il-popolazzjoni ta' l-agglomerazzjoni jew taż-żona (eluf)	Jekk il-konċentrazzjonijiet jaqbżu l-ogħla limitu ⁽¹⁾		Jekk il-konċentrazzjonijiet massimi jkunu bejn l-ogħla limitu u dak l-aktar baxx	
	<i>Sustanzi li jniġġsu barra PM_{2.5}</i>	<i>PM_{2.5}</i>	<i>Sustanzi li jniġġsu barra PM_{2.5}</i>	<i>PM_{2.5}</i>
0-249	1	<i>1</i>	1	<i>1</i>
250-499	2	<i>1</i>	1	<i>1</i>
500-749	2	<i>1</i>	1	<i>1</i>
750-999	3	<i>1</i>	1	<i>1</i>
1 000-1 499	4	<i>2</i>	2	<i>1</i>
1 500-1 999	5	<i>2</i>	2	<i>1</i>
2 000-2 749	6	<i>3</i>	3	<i>1</i>
2 750-3 749	7	<i>3</i>	3	<i>1</i>

3 750-4 749	8	4	4	2
4 750-5 999	9	4	4	2
≥ 6 000	10	5	5	2

Ġustifikazzjoni

Il-kejl parallel ta' PM₁₀ u PM_{2.5} se jiswa aktar flus. Madankollu, hemm ħafna argumenti favur it-tnaqqis ta' numru ta' punti mnejn se jittieħdu l-kampjuni għall-PM_{2.5}, mingħajr ma jkun hemm il-bżonn li tiġi abbandunata aktar protezzjoni għas-saħħa jew immoniterjar komprensiv ta' PM_{2.5}: 1. Id-distribuzzjoni ta' PM_{2.5} fl-arja hi aktar imqassma proporzjonalment minn dik ta' PM₁₀; għalhekk tista' tiġi mmoniterjata bl-istess effettività, bl-użu ta' inqas punti mnejn jittieħdu l-kampjuni. 2. Hemm korrelazzjoni mill-qrib bejn PM₁₀ u PM_{2.5} (PM₁₀ konstantament tinkludi bejn 65 u 70% PM_{2.5}). Dejta ta' min joqgħod fuqha dwar PM_{2.5} tista' tinkiseb permezz ta' kombinazzjoni ta' kejl u kalkolazzjonijiet tal-mudelli. Għalhekk ir-rapporteur jipproponi li jitnaqqas in-numru ta' punti tal-kejl għal PM_{2.5} bin-nofs (lejn l-eqreb numru żewġ).

Emenda 46

Anness XI, tabella, Taqsima dwar "PM₁₀"

Test propost mill-Kummissjoni

Perjodu li fuqu tinħadem il-medja	Valur ta' limitu	Marġni ta' tolleranza	Id-data sa meta jrid ikun osservat il-valur ta' limitu
PM₁₀			
Jum	50 µg/ m ³ , li ma għandux jinqabeż aktar minn 35 darba kull sena kalendarja	50 %	
Sena kalendarja	40 µg/m ³	20 %	

Emenda tal-Parlament

Perjodu li fuqu tinħadem il-medja	Valur ta' limitu	Marġni ta' tolleranza	Id-data sa meta jrid ikun osservat il-valur ta' limitu

PM₁₀			
Jum	50 µg/ m ³ , li ma għandux jinqabeż aktar minn 35 darba kull sena kalendarja	50 %	
Sena kalendarja	40 µg/m ³	20 %	<i>sal-31 ta' Diċembru, 2009</i>
<i>Sena kalendarja</i>	<i>30 µg/m³</i>	20%	<i>Sa l-1 ta' Jannar, 2010</i>

** sakemm dan ma jistax jintlaħaq minħabba karatteristiċi ta' tixrid speċifiċi għal-post, kondizzjonijiet tal-klima ħżiena jew kundizzjonijiet ġeografiċi. L-Istati Membri għandhom ifasslu n-numru eżatt ta' ġranet fejn l-valur ta' limitu jista' jinqabeż, sa massimu ta' 55 ġurnata, u jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' din id-dispożizzjoni.*

Or. en

Emenda 47
Anness XII, Taqsima B a (ġdid)

Ba. LIMITU TA' INFORMAZZJONI GĦAL PM₁₀

<i>Skop</i>	<i>Perjodu li fuqu tinħadem il-medja</i>	<i>Limitu</i>
<i>Informazzjoni</i>	<i>jum</i>	<i>200 µg/m³</i>

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Għal żona ta' esponiment għall-ożonu, għandu jkun hemm ukoll limitu ta' informazzjoni għal particeċelli.

Emenda 48
Anness XIV, titolu

IL-MIRA GĦAT-TNAQQIS TA' L-ESPONIMENT U L-LIMITU TAL-

IL-MIRA GĦAT-TNAQQIS TA' L-ESPONIMENT U L-VALUR FIL-MIRA U

Ġustifikazzjoni

Għadhom jeżistu inċertezzi dwar il-konċentrazzjonijiet fl-arja ta' l-ambjent ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu, għalhekk ix-xewqa li jiġu stipulati limiti ta' konċentrazzjoni mill-ewwel hi prematura. Il-frażi "valur fil-mira" tidher aktar xierqa.

Emenda 49
Anness XIV, Taqsima B

Test propost mill-Kummissjoni

Il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment li għandu jkun hemm fir-rigward ta' l-AEI fl-2010 (%)	Id-data sa meta għandha tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment
<i>20 fil-mija</i>	2020

Meta l-indikatur ta' l-esponiment medju espress fi $\mu\text{g}/\text{m}^3$ fis-sena ta' referenza huwa $7\mu\text{g}/\text{m}^3$ jew inqas, il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment għandha tkun żero.

Emenda tal-Parlament

Il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment li għandu jkun hemm fir-rigward ta' l-AEI fl-2010 (%)		Id-data sa meta għandha tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment
<i>Konċentrazzjonijiet tal-bidu $f\mu\text{g}/\text{m}^3$</i>	<i>Mira ta' tnaqqis f'persentaġġ</i>	2020
<i>< 10</i>	<i>0 %</i>	
<i>= 10 – <15</i>	<i>10 %</i>	
<i>= 15 – <20</i>	<i>15 %</i>	
<i>= 20 – < 25</i>	<i>20 %</i>	
<i>>25</i>	<i>Il-miżuri kollha biex tintlaħaq il-mira ta' $20\mu\text{g}/\text{m}^3$</i>	

Meta l-indikatur ta' l-esponiment medju espress f' $\mu\text{g}/\text{m}^3$ fis-sena ta' referenza huwa $10\mu\text{g}/\text{m}^3$ jew inqas, il-mira għat-tnaqqis ta' l-esponiment għandha tkun żero.

Emenda 50
Anness XIV, Taqsima C

Test propost mill-Kummissjoni

Perjodu li Fuqu Tinħadem il-Medja	Limitu tal-konċentrazzjoni	Marġni tat-tolleranza ⁽¹⁾	Id-data sa meta għandu jkun osservat il-limitu tal-konċentrazzjoni
Sena kalendarja	25 µg/m ³	20 % fid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li jonqos fl-1 ta' Jannar li jkun imiss u kull 12-il xahar ta' wara b'perċentwali annwali ndaqs sakemm jinżel għal 0 % sa <i>L-1 ta' Jannar 2010</i>	L-1 ta' Jannar 2010

Emendi tal-Parlament

Perjodu li Fuqu Tinħadem il-Medja	Limitu tal-konċentrazzjoni	Marġni tat-tolleranza ⁽¹⁾	Id-data sa meta għandu jkun osservat il-limitu tal-konċentrazzjoni
Sena kalendarja	20 µg/m ³		<i>L-1 ta' Jannar 2010</i>
Perjodu li fuqu tinħadem il-medja	<i>Valur ta' limitu</i>	Marġni ta' tolleranza	<i>Id-data sa meta jrid ikun osservat il-valur ta' limitu</i>
<i>Sena kalendarja</i>	<i>20 µg/m³</i>	<i>20 % fid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, li jonqos fl-1 ta' Jannar li jkun imiss u kull 12-il xahar ta' wara b'perċentwali annwali ndaqs sakemm jinżel għal 0 % sa <i>L-1 ta' Jannar, 2015</i></i>	<i>L-1 ta' Jannar, 2015</i>

Emenda 51

Anness XV, Taqsima A, punt 8 (c a) (ġdid)

(ca) issir lista u deskrizzjoni tar-riżorsi finanzjarji u tal-linji baġitarji allokati għall-implimentazzjoni tal-miżuri jew tal-proġetti hawn fuq imsemmija fil-ħin stmat.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom reputazzjoni li jidħlu għal impenji, però ma jirnexxielhomx jallokaw ir-riżorsi neċessarji biex jirrispettawhom.

Emenda 52

Anness XV, Taqsima B, punt 3, parti introduttorja

3. Tagħrif dwar il-miżuri kollha possibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-arja li kienu ***kkunsidrati*** għall-implimentazzjoni flimkien mal-kisba ta' l-għanijiet tal-kwalità ta' l-arja,

3. Tagħrif dwar il-miżuri kollha possibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-arja li kienu ***ppjanati*** għall-implimentazzjoni flimkien mal-kisba ta' l-għanijiet tal-kwalità ta' l-arja,

inklużi:

inklużi:

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri fil-lista m'għandhomx jiġu biss ikkunsidrati: l-implimentazzjoni tagħhom għandha tiġi ppjanata wkoll.

Emenda 53 Anness XVII a (ġdid)

Kejl li għandu jittieħed fis-sors sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilhqqu l-valuri ta' limitu tal-kwalità ta' l-arja fil-limiti tal-ħin stipulati.

<i>Kejl</i>
<i>Inklużjoni ta' impjanti ta' kombustjoni ta' bejn 20 u 50 meġawatt fid-Direttiva IPPC</i>
<i>EURO VI għal vetturi tqal</i>
<i>Standards ġodda għall-installazzjonijiet domestiċi li jsaħħnu</i>
<i>Standards ġodda għal emissjonijiet mill-maġni tal-vapuri, sabiex jiġu neqozjati taħt l-awspiċju ta' l-IMO</i>

Ġustifikazzjoni

L-adozzjoni ta' dan il-kejl fis-sors hi prekondizzjoni neċessarja għall-Istati Membri biex ikunu jistgħu jilhqqu l-valuri ta' limitu tal-kwalità ta' l-arja.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Daħla

It-titjib fil-kwalità ta' l-arja ta' l-Ewropa hu wieħed mill-aktar ħidmiet importanti li għandu jitwettaq fil-qasam ambjentali u fil-politika ta' saħħa fil-futur. Il-livell għoli ta' tniġġis ta' l-arja, b'mod partikulari f'reġjuni u lokalitajiet b'popolazzjoni densa, hu responsabbli għan-numru ta' mard tal-kondotti ta' l-arja u l-konsegwenzi tagħhom. Il-kwalità ta' l-arja fl-Ewropa diġà tjiebet b'mod sustanzjali f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin grazzi għal leġiżlazzjoni stretta u progress tekniku; dan japplika għal emissjonijiet kemm mit-trasport kif ukoll minn 'power stations' u minn impjanti industrijali.

It-titjib tal-kwalità ta' l-arja ta' l-ambjent tagħna jibqa' sfida ewlenija. Il-problema tat-tniġġis ta' l-arja tista' tiġi solvuta biss fit-tul taż-żmien u f'qafas Ewropew, b'mod partikulari bit-tisħiħ ta'

miżuri transkonfinanti. Sabiex l-għanijiet ambizzjużi jintlaħqu, fil-futur ser jinħtieġu aktar strumenti fil-Komunità: arja nadifa fl-Istati Membri tista' tinkiseb biss jekk id-direttivi li qegħdin fis-seħħ jiġu trasposti b' mod konsistenti u jekk proposti leġiżlattivi ġodda ta' l-UE jikkonċentraw fuq ir-restrizzjoni ta' emissjonijiet fil-punt fejn ikunu kkawżati (min ikun qed iniġġes). B' mod partikulari għandha tingħata prijorità lil dawk l-oqsma li s'issa ftit li xejn ġew ikkunsidrati u irregolati.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal direttiva dwar il-kwalità ta' l-arja ta' ambjent u dwar arja aktar nadifa għall-Ewropa fil-21 ta' Settembru 2005. Din tgħaqqad id-direttiva ta' qafas eżistenti ma' erba' strumenti leġiżlattivi oħra, inkluż tlieta minn erba' direttivi li għandhom isegwu din id-direttiva u deċiżjoni tal-Kunsill. Is-simplifikazzjoni proposta tnaqqas l-volum tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwalità ta' l-arja b' 50%. Ir-rekwiżiti għar-rappurtar huma mmodernizzati u l-iskambju ta' informazzjoni hu ssimplifikata. Bid-direttiva l-għdida, il-valuri ta' limitu fis-seħħ se jibqgħu mingħajr ma jinbidlu. Il-valur ta' limitu annwali eżistenti għal PM₁₀ (40 µg/m³) u l-valur ta' limitu ta' kuljum (50 µg/m³), li ma jridux jinqabżu f' aktar minn 35 jum, jibqgħu mingħajr ma jinbidlu. Xi ħaġa għdida fil-proposta tal-Kummissjoni hi l-introduzzjoni ta' l-istandard għal PM_{2.5} li jidħol fis-seħħ fl-2010. Fil-każ ta' PM_{2.5}, il-proposta tistipula kemm il-limitu ta' konċentrazzjoni (ekwivalent għal valur ta' limitu) ta' 25 µg/m³ kif ukoll il-mira ta' tnaqqis ta' 20% għall-Istati Membri kollha sa l-2020.

3. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw PM₁₀: Oriġinarjament l-Kummissjoni ħabbret b'limitu ta' tnaqqis għall-valur medju annwali għal PM₁₀ wara l-2010, li m'għadux jinstab aktar fil-proposta t'issa. Il-medja annwali ta' 40 µg/m³ li l-Kummissjoni tipproponi u li, kif hu ssuġġerit, għandha tibqa' bla ma tinbidel wara l-2010, mhix partikolarment ambizzjuża. F'ħafna rħula, dan il-valur diġà ntlaħaq. Ir-rapporteur jipproponi tnaqqis tal-valur ta' limitu għall-PM₁₀ għal 32 µg/m³ (tnaqqis ta' 20%). Aktar minn hekk, il-medja annwali ta' 32 µg/m³ tikkorrelata aħjar mal-medja stretta ta' kuljum ta' 50 µg/m³ li m'għandhiex tinqabeż għal aktar minn 35 jum. S'issa din il-prattika kkawżat problemi kbar waqt l-implimentazzjoni fl-Istati Membri, b' mod partikulari fl-irħula u fil-muniċipalitajiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet din il-problema u ħolqot il-possibiltà għall-muniċipalitajiet li jestendu l-iskadenza għall-konformità mar-regoli b'ħames snin u li jagħmlu eżenzjonijiet mill-valuri ta' limitu fis-seħħ. Għalkemm din hi aċċettata minħabba raġunijiet ta' prattiċità, tibqa' l-mistoqsija jekk dan hux l-istrument it-tajjeb jekk ikun impossibbli li wieħed jiġi konformi mal-valuri ta' limitu wara ħames snin.

Ma' dan, u suġġett għal ċertu kundizzjonijiet, ir-rapporteur jipproponi eżenzjoni mill-obbligi ta' ppjanar għal miżuri fuq żmien qasir, li hi importanti għal awtoritajiet lokali. Pjanijiet ta' azzjoni fuq żmien qasir għandhom għalhekk jitfasslu biss – fid-dawl ta' kondizzjonijiet lokali, ġeografiċi, meteorloġiċi u ekonomiċi – jekk il-miżuri proposti kellhom potenzjal sinifikanti li jnaqqsu r-riskju, it-tul ta' ħin jew il-gravità ta' qabża u li jtejbu l-kwalità ta' l-arja.

Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw PM_{2.5}: L-aħħar sejbiet xjentifiċi jindikaw li riskji għas-saħħa serji ma jiġux mill-ikbar partiċelli imma l-biċċa l-kbira jiġu mill-iżgħar (PM_{2.5}). Għalhekk hu neċessarju li dawn jibdedw jiġu mmoniterjati.

Ir-rapporteur jipproponi li l-PM_{2.5} għandu jiġi rregolat f'żewġ stadji: Fl-ewwel stadju għandu jiġi stabbilit valur fil-mira. Fit-tieni stadju, li m'għandux ikun aktar tard minn ħames snin wara, ladarba d-direttiva tkun ġiet riveduta, jista' jiġi stabbilit valur ta' limitu. Peress li hemm nuqqas ta' esperjenza fl-ikkalkular ta' PM_{2.5} u nuqqas ta' dejta ta' min joqgħod fuqha, l-ebda valur ta' limitu m'għandux jiġi stabbilit bħalissa. Fil-proposta kollha, il-frażi "limitu ta' konċentrazzjoni" (li b'mod effettiv tfisser l-istess bħal "valur ta' limitu") tħassret u minflokha daħlet il-frażi "valur ta' limitu".

Il-medja annwali ta' 25 µg/m³ li l-Kummissjoni pproponiet għal PM_{2.5} mhix partikularment ambizzjuża. F'ħafna rħula fejn l-arja hi pjuttost imniġġsa, dan il-valur hu diġà milħuq. Ir-rapporteur jipproponi valur fil-mira ta' 20 µg/m³: dan jikkunsidra kemm l-aspirazzjonijiet biex jitjeb l-ħarsien għas-saħħa kif ukoll il-prattikabilità. Il-valur jikkorrelata mat-tnaqqis propost tal-valur ta' limitu għal PM₁₀ għal 32 µg/m³.

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni għażlet mira ta' tnaqqis għal kull kategorija ta' 20% għal PM_{2.5} mingħajr ma assessjat l-impatt tat-tnaqqis sabiex taççerta liema miżuri prattiçi u liema spejjeż l-Istati Membri se jġarrbu minħabba t-tnaqqis ta' 20%. Ir-rapporteur jemmen li mudell gradwat li jagħmel differenzazzjoni bejn l-Istati Membri u li jikkunsidra aktar il-ħidma ta' qabel, ikun ippreferut minn mira ta' tnaqqis għal kull kategorija, f'kull eventwalità. Wara kollox l-ispejjeż ta' tnaqqis jiżdiedu b'mod esponenzjali hekk kif il-livell tat-tniġġis jonqos. Il-mira ta' tnaqqis għal kull kategorija ta' 20% tkun partikularment diffiçi biex tintlaħaq minn Stati Membri li diġà għamlu sforzi kbar biex itejbu l-kwalità ta' l-arja u issa jridu jieħdu bħala linja ta' bażi għall-arja li l-kwalità tagħha hi relattivament tajba. Fuq in-naħa l-oħra, daww l-Istati fejn it-tniġġis hu agħar għandhom jagħmlu tnaqqis akbar. Il-mudell tal-Kummissjoni ma jikkunsidrax ksib ta' għaniet li jkun sar qabel u minflok jippremja lil daww il-pajjiçi li jkunu ħadu azzjoni minn kmieni, jikkastigahom. Mudell gradwat jagħti inċentivi aktar b'saħħithom lill-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri ta' tnaqqis immedjat, irrispettivament mis-sitwazzjoni tagħhom tal-linja ta' bażi ta' bħalissa.

Aktar miżuri: Ir-rapporteur jipproponi simplifikazzjonijiet sistematiçi varji u kjarifikazzjonijiet lingwistiçi li b'mod partikulari huma maħsuba li jgħinu l-implimentazzjoni fuq livell amministrattiv. Ma' dan intalbet id-definizzjoni ta' "sorsi naturali". Għandu jkun żgurat li l-uniçi emissjonijiet mis-sorsi naturali ta' qabel li jiġu mnaqqsa, huma daww li b'mod sustanzjali jaqbżu l-livelli tal-medja fl-isfond li diġà huma mdaħħla fil-kalkolu tal-valuri ta' limitu jew tal-valuri fil-mira. Sabiex ma jkunx hemm abbuż u diffikultajiet ta' proċedura, il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida għall-konsiderazzjoni ta' evidenza u għat-tnaqqis ta' qabżiet attribwibbli għal sorsi naturali.

PROĊEDURA

Titolu	Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa				
Referenzi	COM(2005)0447 – C6-0356/2005 – 2005/0183(COD)				
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	21.9.2005				
Kumitat risponsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 15.11.2005				
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.11.2005	ITRE 15.11.2005			
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	JURI 29.11.2005	ITRE 13.12.2005			
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja					
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Holger Kraemer 14.12.2005				
Rapporteur(s) preċedenti					
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni					
Bażi legali kkontestata Data ta' l-opinjoni tal-JURI					
Allokazzjoni finanzjarja emendata Data ta' l-opinjoni tal-BUDG					
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja					
Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat tar-Reġjuni - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja					
Eżami fil-kumitat	24.4.2006				
Data ta' l-adozzjoni	21.6.2006				
Riżultat tal-votazzjoni finali	+	39			
	-	11			
	0	5			
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Johannes Blokland, Frieda Brepoels, Dorette Corbey, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Jill Evans, Anne Ferreira, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Mary Honeyball, Dan Jørgensen, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Urszula Krupa, Aldis Kuškis, Peter Liese, Marios Matsakis, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Dimitrios Papadimoulis, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Guido Sacconi, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman				
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alfonso Andria, Margrete Auken, María del Pilar Ayuso González, Philip Bushill-Matthews, Giuseppe Castiglione, Bairbre de Brún, Milan Gaľa, Genowefa Grabowska, Ambroise Guellec, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Henrik Lax, Miroslav Mikolášik, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Amalia Sartori, Andres				

	Tarand
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sepp Kusstatscher
Data tat-tressiq	29.6.2006
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...